**MALTA**

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA LL.D**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2015

Talba Numru: 315/2015AM

Numru fuq il-Lista: 15

**GO p.l.c. (C22334)**

**vs**

**Vincent Attard (ID517657M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fit-16 t' April, 2015 permezz tieghu s-Socjeta` attrici talbet l-hlas ta' mitejn u hamsa u disghin ewro u erbghin centezmu (€295.40c) in konnessjoni ma' servizz ta' telefon 21806696 (AC1003209); illi s-Socjeta` attrici nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, l-konvenut baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din l-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni; bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din l-kawza.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm l-konvenut gie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher ghas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu xehdet li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin ewro u erbghin centezmu (€295.40c) in konnessjoni ma' servizz ta' telefon 21806696 (AC1003209) bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din l-kawza cioe mis-16 t' April, 2015 sal-effettiv pagament.

.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**